# ĠUŻEPP GRIMA L-PATRUN

*Mons Lawrenz Sciberras*


Ġużepp Grima

Bniedem li skond il-kapaċitajiet u l-ħila tiegħu għen u stinka sabiex ta' Sannat jimxi 'l quddiem u fuq kollox ixerred l-imħabba lejn Santa Margerita huwa Ġużepp Grima, magħruf bħala l-Patrun. Jixraq għalhekk li wieħed juri fejn u kif dan il-bniedem għamel il-ħila tiegħu sabiex raħlu jikber u jogħla.

Tfulitu
Gużepp twieled hawn ta' Sannat nhar it-8 ta' Awissu ta' l-1906. Missieru kien jismu Karmnu jgħidulu tal-Ħamra u ommu Grezzja Galea. Għammduh fl-istess jum mill-arċipriet Gio-Andrea Vella. Il-parrinijiet tiegħu kienu Mikielanglu Galea bin Wenzu u Teresa mart Anġlu Grima. Ġużepp kien iben ta' familja midħla sew tal-knisja, u dan mhux għaliex il-familja kienet tmur u titlob hemm, imma wkoll għaliex missieru Karmnu għal bosta snin kien is-sagristan tal-parroċċa. Anzi sabiex indaħħalkom aktar fil-kuntest ta' kemm dan Ġużepp il-Patrun kien ġej mir-razza ta' nies midħla sew tal-Knisja, nikkwota x'kiteb George Azzopardi fil-ktieb tiegħu Dun Ġużepp Grima (1885-1952) f'paġna 23).

"Forsi jkun interessanti li ngħidu li Dun Ġużepp kien ġej minn razza ta' sagristani. Għalkemm bidwi, missieru Anġlu jingħad li kien jagħmel xogħol ta' sagristan ukoll: xogħol li mbagħad kompla jagħmlu warajh ibnu u ħu Dun Ġużepp, Karmnu. Wara Karmnu, x-xogħol ta' sagristan għadda f'idejn Franġisk Xuereb li kien miżżewweġ lil Sunta, bint l-istess Karmnu u, allura neputija wkoll ta' Dun Ġużepp. Iktar tard, kien hemm bħala sagristan GUŻEPP GRIMA, iben ukoll l-imsemmi Karmnu u neputi ta' Dun Ġużepp". Dan Ġużepp daħal sagristan f'Diċembru 1958 mela meta diġa kellu 52 sena".

Billi kif diġa għidna z-ziju ta' Ġużepp kien Dun Gużepp Grima, għalhekk dan għamel kull ma setà biex jagħti lil-nepputih edukazzjoni xierqa. Għalhekk naraw li wara li Gużeppi spiċċa l-iskola ta' Sannat, huwa mar ikompli jistudja s-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Fost is-suġġetti li dak ż-żmien kienu tant jagħmlu insistenza fuqhom kien hemm il-Latin u t-Taljan. Difatti Ġużepp kien bravu ħafna f'dawn iż-żewġ ilsna. Huwa dam sitt snin is-Seminarju. Jiena għadni niftakar lilu jfissirli bil-Malti waħda mil-lapidi li hemm fil-knisja tagħna bil-Latin. Iżda kien wasal iż-żmien u Ġużeppi ħareġ mis-Seminarju. U billi dak iż-żmien hawn ma kienx hawn xogħol, allura huwa emigra lejn l-Awstralja. Nafu li kien wieħed minn ta' l-ewwel fost l-emigranti li marru hemm.

**Lura lejn Għawdex**
Ma nafux kemm-il sena Ġużepp dam l-Awstralja. Però minn kalkuli u ċirkustanzi oħra, wieħed jasal għal konklużjoni li huwa ma setax dam ħafna hemm. Meta reġa lura huwa beda jaħdem mad-ditta A. Farruġia Ellis li f'dak iż-żmien kienet għadha fil-bidu tagħha. Difatti Ġużeppi kien jaħdem Malta mhux bħala ħaddiem iqiegħed il-madum, daqskemm ukoll imexxi x-xogħol. Huwa dam jaħdem mad-ditta A.F. Ellis prattikament sakemm ħareġ bil-pensjoni.
F'dak iż-żmien li l-Patrun mar l-Awstralja u rritorna huwa sab hawn ta' Sannat lis-Surmast Censu Caruana Spiteri. Dan is-surmast ġie jgħix fostna mis-sena 1921 u miet f'April tas-sena 1932. Issa billi kif diġa għedna missier Ġużeppi kien is-sagristan, u s-surmast Caruana Spiteri kien tiela' u nieżel biex idoqq l-orgni, dan ħajjar lil Ġużeppi biex jibda jgħallmu l-mużika. Naturalment l-ewwel it-teorija mbagħad

wara l-prattika. Fil-fatt aktar 'il quddiem Ġużepp beda jdoqq hu l-orgni tal-parroċċa. Anzi ngħidu li mis-sena li miet is-surmast Caruana Spiteri mela 1932, sas-sena 1968 kien huwa l-organista tal-parroċċa. Fost is-servizzi li kellu Ġużepp kien li idoqq l-litanija tal-Madonna u t-Tantum Ergo kull nhar ta' Sibt, il-Ħadd fil-għodu idoqq il-kantata De Angelis, u waqt l-għasar idoqq il-manifikat u joqgħod għat-Tantum Ergo. Ma dawn huwa kien obbligat li jdoqq ukoll l-għosrien tal-festi prinċipali u l-quddiesa kantata. Hawn inżid ngħid li anke lili personali ġie li wrieni kif indoqq l-orgni u fuq kollox kif nirreġistrah.


Feliċ Bugeja (Tal-Hadra), Karmnu Grima u l-Patrun

F'dak l-istess żmien kien qed jinħass moviment lejn it-tagħlim tal-mużika. Dan dejjem grazzi lis-Surmast Ċensu Caruana Spiteri. Qed ngħid dan għaliex Gużepp Grima flimkien ma' numru ieħor ta' żgħażagħ kienu bdew idoqqu strument mal-banda Cittadina La Stella. Dawn kienu Ġużepp Grima il-Patrun, idoqq saxofon alto, Ġużepp Camilleri, iż-Żebbuġi, idoqq klarinett prim. Gorġ Muscat, tad-Diqq, idoqq klarinett sekond. Pinu Gatt, tad-Dadis idoqq ewfonju. Ġanni Bajada ta' Baċċu li għadu ħaj idoqq kornu, u ibnu Ġanni illum l-Awstralja jdoqq kornu ukoll. Toni Tabone iċ-Ċinnu, idoqq ewfonju. Aktar tard ingħaqad magħhom Wenzu Borg li kien doqq althorn.

**Sagristan**

F'Diċembru tas-sena 1958 Ġużepp daħal sagristan. Dan ix-xogħol jitlob rabta kbira, kuljum, xitwa u sajf, fil-għodu u fil-għaxija. Il-qawmien kien kmieni ħafna fil-għodu. Iżda l-fatt li kien ġej minn din ir-razza, kif ukoll il-fatt li huwa kien iħobb ħafna lir-raħal, hu qeda dmiru b'imħabba kbira. Kemm dam sagristan, kien hemm l-arċipriet Dun Ġorg Debrincat tax-Xelina. Dan l-arċipriet fost il-ħafna opri tar-rakkmu li għamel, hemm ukoll l-istendart tal-fratellanza ta' Santa Margerita. Dan sar fis-sena 1958. L-istendart inħadem l-Italja għand id-Ditta Bennato ta' Padova u sewa Lm411.75. Kif inġabret din l-opra. Min qed jikteb jaf sew. Dak inhar jien kelli ħdax-il sena. Ġużepp Grima indaħal biex jiġbor bieb bieb din somma. Konna noħorġu darba fix-xahar, u niġbru minn għand kull familja xelin, jew ħames ċenteżmi. U bis-saħħa tal-Patrun inġabar l-imsemmi stendart tal-festa ta' Santa Margerita. Għadni niftakar qisu issa, ċerti familji ma konniex inħabbtulhom, konna naqbżuhom għaliex ma redux jagħtu għal din l- opra!!!

Biċċa xogħol oħra li ħadimha l-Patrun kien iz-zuntier tal-knisja. Kienu saru tliet forom tal-konkrit għall-balavostri. Ġużepp kien jimliehom bil-konkos u joħroġ minnhom il-balavostri. Huwa flimkien ma nepputih Ġużepp Borġ, il-Mażilla u nies oħra volontieri minn ta' Sannat kienu dawru u għalqu z-zuntier bil-balavostri tal-konkos.

Għalih żmien il-festa kien żmien ta' ferħ u entużjażmu. Ġużepp kien jarma l-armar tal-festa flimkien ma numru ta' rġiel oħra. Kien jagħti daqqa t'id sewwa lid-dilettanti tan-nar billi jagħmel il-profili u l-porkaċċi, in-niċċa u jqattà, kollox b'idejh it-takki ta' qisien differenti. Xi ġranet qrib il-festa kien jiġi hawn raħalna s-surmast Nazzarenu Refalo biex jgħallem lit-tfajliet l-innu ta' Santa Margerita: Giovanette sull'arpa festante. Dan it-tagħlim kien isir fil-knisja. Ġużepp li kien sagristan, kien jieqaf mix-xogħol u joqgħod jisma' lil Nazzareno jgħallem u jitpaxxa b'dawk in-noti tant ħelwin. Niftakar li darba waħda mar fuq Żerenu Refalo u bil-ħlewwa kollha ikkoreġieh. Qallu li huwa meta kien idoqqu fil-banda mas-surmast Giardini Vella ċerti movimenti ma kienx jagħmilhom hekk.

Ġużepp kien miżżewweġ lil Ġużeppa nee Muscat u kellhom tifla li semmiha Margerita. Ġużepp miet nhar it-22 ta' Jannar 1970. Kellu 63 sena. Nies bħal dawn ta' min jibqa' jfakkarhom u fuq kollox jimitahom.